Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Frar 2023
(OR. en)

6715/23

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0068(COD)

CODEC 244
UK 23

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi r-regoli għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u mill-ftehim dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fil-11 ta' Marzu 2022 il-Kummissjoni bagħtet il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikoli 43(2), 91(1), 100(2), 173(3), 182(5), 188, 189(2) u 207(2) TFUE, lill-Kunsill.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-15 ta' Ġunju 2022[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

4. Fl-14 ta' Frar 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet, u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[3].

[1] 7158/22.
[2] ĠU C 365, 23.9.2022, p. 66.
[3] 6419/23.

5. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE- CONS 77/22, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

6. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota.

7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

   Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.